MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 25/2006

**Emanuel Galea**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta’ Ottubru, 2006, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur ta’ l-4 ta’ Frar 2006, li permezz taghha giet michuda t-talba ta’ Emanuel Galea ghall-Qghad ghaliex il-kapital tieghu kien jeccedi l-massimu konsentit.
>
> Waqt id-diversi seduti li nzammu l-appellant pprezenta dokumenti bankarji dwar l-assi tieghu

> ma dwar iz-zmien tat-tieg ta’ bintu in sostenn ta’ l-istqarrija tieghu li kien hassaha dota. Bhala resultat id-dipartiment irrevoka id-decizjoni ta’ l-4 ta’ Jannar b’ effett mill-20 ta’ Jannar 2006.
>
> Illi fl-ahhar seduta l-appellant ipprentenda li jithallas ghal periodu qabel it-tieni applikazzjoni tieghu u rrezulta inoltre li f’dan il-perjodu l-appellant kien ukoll imsiefer l-Awstralja.
>
> Peress li d-Direttur irrevoka d-decizjoni appellata u fil-fatt hallas ghall-perjodu in kwistjoni u ghalhekk l-appellant gie imhallas ghal perjodu kollu soggett ghall-applikazzjoni, l-Arbitru jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni ta’ dan l-appell.”

L-appell tar-rikorrenti fil-kontestazzjoni tad-decizjoni ta’ l-Arbitru hu limitat ghall-aggravju ewlieni illi, skond hu, dan kellu jordna li r-revoka tad-decizjoni tad-Direttur ta’ l-4 ta’ Jannar (*recte*, Frar) 2006 ma tkunx b’ effett mill-20 ta’ Jannar 2006 imma minn Gunju 2005, ossija l-ewwel darba li hu applika ghall-Ghajnuna ghal Dizimpjieg;

L-antecedenti li taw lok ghad-decizjoni ta’ l-Arbitru li minnha sar l-appell huma dawk li johorgu mill-inkartament tal-kaz, kif hawn taht brevement rikapitolati:-

(1) Jirrizulta li l-appellanti kien applika fl-2005 ghall-beneficcju fuq specifikat. Mill-atti mhux car jekk din it-talba gietx approvata jew le. Li hu cert pero` hu li din giet lilu mwaqqfa fis-17 ta’ Gunju 2005. Ara t-tieni paragrafu tar-risposta tad-Direttur tat-8 ta’ Mejju 2006 ghall-appell introdott mir-rikorrenti quddiem l-Arbitru riferibilment ghac-cahda tat-tieni applikazzjoni tieghu;

(2) Ir-raguni moghtija mid-Direttur f’ dik id-decizjoni tieghu kienet li l-valur tar-rizorsi kaptali ta’ l-appellant u tal-familja kienu jeccedu l-limitu massimali ta’ Lm10,000 u dan kien jiddizintitolah mill-konsegwiment tal-beneficcju rikjest. Bis-sentenza tieghu tas-7 ta’ Novembru

2005, l-Arbitru ikkonferma din id-decizjoni tad-Direttur u ghadda biex cahad l-appell;

(3) Jirrizulta li bejn is-17 ta' Novembru 2005 u t-18 ta' Jannar 2006 l-appellant u martu kienu ghal btala fl-Awstralja;

(4) Mar-ritorn lura tieghu f' Malta l-appellanti ghamel applikazzjoni *ex novo* (20 ta' Jannar 2006) ghall-istess xorta ta' Ghajnuna li wkoll ma gietx approvata mid-Direttur appellat, bil-motiv illi hu ma hassux sodisfatt li l-kapital ma jeccedix Lm10,000 u/jew li l-appellanti ma kienx iddispona mill-kapital sabiex jikkwalifika ghall-assistenza socjali. Ara ittra ta' l-4 ta' Frar 2006 mibghuta lill-appellant mid-Direttur;

(5) Ghal darba ohra l-appellant ressaq lanjanza quddiem l-Arbitru minn din id-decizjoni tad-Direttur. Fil-mori ta' dan il-procediment iddahhlet Nota mid-Direttur li kienet tghid li dik id-decizjoni tieghu ta' l-4 ta' Frar 2006 "*has been revoked and assistance awarded and paid with effect from 20/01/2006* onwards";

(6) Fuq l-istregwa ta' din in-Nota l-Arbitru iddecieda li jastjeni milli jiehu aktar konjizzjoni ta' l-appell introdott quddiemu;

Fermi dawn id-dettalji, ghal dik li jikkoncerna l-poter diskrezzjonali tad-Direttur li jindetreggja mid-decizjoni minnu mehuda jinsab provvdut fl-Artikolu 110 ta' l-Att dwar is-Sigurta` Socjali illi tali setgha ta' revizjoni ta' dik id-decizjoni tieghu hi konsentita lilu jekk ihossu sodisfatt li dik id-decizjoni tieghu tkun inghatat fl-assenza ta' xi fatt materjali jew tkun hekk bazata fuq zball dwar xi fatt materjali, jew ghax ikun hemm tibdil rilevanti tac-cirkustanzi mid-data ta' dik id-decizjoni. L-istess disposizzjoni tal-ligi tissokta tippreciza illi revizjoni bhal din tibda ssehh minn dik id-data li d-Direttur jista' jiddeciedi;

Applikat dan ghall-fattispeci tal-kaz prezenti, huwa kjarament evidenti min-Nota tad-Direttur, ghal liema saret riferenza hawn fuq, illi dan irreveda d-decizjoni tieghu ta' l-4 ta' Frar 2006 riferibilment ghat-tieni applikazzjoni ta' l-appellanti ghall-Unemployment Assistance. Huwa car ukoll illi tali revizjoni wasslet biex l-istess Direttur jistabilixxi d-data minn meta din giet attivata. Li mhux car hu x' kienet il-motivazzjoni li nduciet lid-Direttur jaghmel dik ir-revizjoni;

In-Nota surreferita ma tipprovdi ebda spjegazzjoni b' xi wiehed mill-motivi fost dawk prevvisti fl-accennat artikolu tal-ligi u wiehed ikollu biss jassumi b' deduzzjoni minn atti ohra illi r-revizjoni kienet hekk ispirata mill-konstatazzjoni illi fil-kalkolu ta' l-assi kapitali ta' l-appellanti l-investiment ta' £Stg 3000, tramite il-Globe Finance, gie erronejament maghdud bhala Lm3000. Jista' jaghti l-kaz ukoll illi d-Direttur accetta bhala plawsibbli s-sottomissjoni ta' l-appellanti illi hu kien iddona erbat elef lira (Lm4000) lil bintu bhala dota. Naturalment, in mankanza ta' dikjarazzjoni konfermatorja din il-Qorti tista' biss tassumih. Huma x' inhuma c-cirkustanzi, jibqa' l-fatt illi d-Direttur iffissa ghall-applikabilita` ta' dik ir-revizjoni d-data tal-20 ta' Jannar 2006. Hi proprju din id-data li l-appellanti jikkwerela bl-appell tieghu lil din il-Qorti, u, effettivament, jiccensura lill-Arbitru talli dan ma ordnax li l-intitolament tieghu ghal beneficcju jkun minn Gunju 2005;

Hu difficli ghal din il-Qorti illi taccetta din ic-censura kemm ghaliex, fic-cirkustanzi pervenuti, l-Arbitru ma kellux xelta ohra hlief li jastjeni milli jkompli jiehu konjizzjoni tal-kaz cirkoskritt ghall-appell mic-cahda tat-tieni applikazzjoni, kif ukoll ghar-raguni tal-gudikat l-iehor minnu moghti fis-7 ta' Novembru 2005 fir-rigward ta' dik l-applikazzjoni l-ohra ta' l-appellanti tas-17 ta' Gunju 2005. Hemm imbaghad il-fatt illi, kif rilevat, ma humiex konoxxuti r-ragunijiet tad-Direttur li wassluh ghar-revizjoni u allura mhux possibbli li wiehed jiddetermina, b' sindikar, jekk id-diskrezzjoni tad-Diretur hijiex, fil-fattispeci, vizzjata;

Ghandu jinghad, pero`, illi jekk ic-cirkustanzi tar-revizjoni maghmula huma dawk dedotti minn din il-Qorti, jew jixxiebhu ghalihom, allura f' kaz bhal dan huwa xieraq li l-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur appellat biex jekk inhu l-kaz, jirrettifika dik l-istess revizjoni tieghu u jakkorda lill-appellant il-hlas ta' l-arretrati tal-beneficcju ghal liema hu kien applika f' Gunju 2005. Din tkun gustizzja sew logika, sew guridika.

Ghal dawn il-motivi u salv ghar-rakkomandazzjoni premessa, il-Qorti m' ghandhiex triq ohra hlief li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------